**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Rikors Nru. 20/2009MV**

**Alfred Bugeja**

**vs**

**Id-Direttur Ufficcju Kongunt**

**Illum 2 ta' Marzu, 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Alfred Bugeja li jghid:

> Illi huwa gie notifikat b'talba tal-intimat ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici tal-Procedura Civili kollox kif jidher mill-annessi dokumenti hawn immarkati DOK A u B.
>
> Illi l-esponent jopponi ghat-talbiet tal-intimat stante li t-talbiet tal-intimati huma infondati in kwantu li l-ammonti pretizi mill-

esponent huma preskritti in parti filwaqt li ghall-bilanc huma dovuti minn terzi li a favur taghhom gie trasferit il-fond ‘de quo’.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-intimat infondata kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Rat illi l-intimat debitament notifikat fid-19 ta’ Dicembru 2008 skond il-*pink card* annessa ma’ fol. 4 tal-process u skond id-digriet tal-Qorti a fol. 5 tal-process, ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat illi fit-28 ta’ Mejju 2009, ma deher hadd mill-partijiet u l-Qorti ddeferiet ir-rikors ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-proceduri odjerni l-Qorti ghandha quddiemha biss ir-rikors inizjali li permezz tieghu r-rikorrent ikkontesta t-talba tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt maghmula permezz ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Novembru 2008, kopja taghha esebita bhala Dok. A a fol. 2 tal-process, flimkien mal-affidavit relattiv markat Dok. B u esebit a fol. 3 tal-process.

Illi, pero min-naha tieghu, l-intimat fil-kawza odjerna ma intavola l-ebda risposta u baqa’ kontumaci tul il-proceduri kollha. L-intimat ma deher qatt quddiem il-Qorti u ma kkontesta t-talba tar-rikorrent bl-ebda mod, minkejja illi l-proceduri odjerni ilhom ghaddejjin sa mill-11 ta’ Dicembru 2008.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra l-intimat.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur